Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 18/04 AE

**Giovanna Camilleri u b'digriet mogħti fis-16 ta' Novembru 2009 ġie ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Alexander Camilleri u Marianna Camilleri minħabba l-mewt tar-rikorrenti**

**vs**

**John Cauchi**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

B'rikors prezentat fit-28 ta' Marzu 2011, Giovanna Camilleri talbet lill-Bord li Jirregola l-Kera jordna t-terminazzjoni tal-kera tal-fond 92 Tarxien Road, Tarxien billi l-fond mikri bhala hanut lil John Cauchi b'kuntratt ta' lokazzjoni ghall-hanut kien sar quddiem in-Nutar Publiku J.H. Saydon, nhar is-27 ta' Awwissu 1991 u l-intimat:

(i) moruż fil-ħlas tal-kera;
(ii) mhux qed jaghmel użu mill-fond kif kontemplat fil-kuntratt *de quo*, u dan minhabba li ghal snin shah, izda zgur ghal dawn l-ahhar hames snin, huwa zamm il-hanut de quo bl-isem 'Top Child' maghluq u milli jidher dan qed jintuza bhala store ghall-hwejjeg li l- intimat jbiegh minn hanut iehor jew hwienet ohra;

**<u>Sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera</u>**.

Il-Bord ċaħad it-talba. Ma sabx li kien hemm morożita' jew bdil fil-destinazzjoni billi: *"jinghad fl-iskrittura ta' lokazzjoni… illi l-inkwilin qed jakkwista b'titolu ta' kera l-hanut in kwistjoni sabiex l-istess inkwilin jezercita fih kull tip ta' generu ta' negozju ad eccezzjoni ta' hanut tax-xorb, 'mechanic', mastrudaxxa, 'spray painter' u 'panel beater'. Skont l-artikolu 2 tal-istess Kapitolu 69 ibid jinghad li 'hanut fost affarijiet ohra jfisser fond mikri bhala 'mahzen'. Dan jfisser illi l-intimat kien intitolat u seta, skont l-istess skrittura abbinata mal-ligi kif citata illi juza l-istess post bhala mahzen ossija 'store'"*.

**<u>Appell minn sidien il-kera</u>**.

Marianna Camilleri u Alexander Camilleri, li sadanittant assumew l-atti minflok Giovanna Camilleri, appellaw.

Il-Qorti tal-Appell qalet li l-ftehim bejn il-partijiet permezz tal-klawżola (ċ) tiegħu fejn jingħad li *"l-inkwilin jista' jeżerċita fih kull tip ta' negozju ad eċċezzjoni ta' ħanut tax-xorb, mechanic, spraypainter u panel beater"*, kien fis-sens li l-fond mikri jintuża bħala ħanut fis-sens komuni tal-kelma u mhux kif definit fl-artiklu 2 tal-Kap 69 u ċjoe` li bil-kelma "ħanut" tifhem ukoll "maħżen". L-intenzjoni tal-partijiet hija liġi bejniethom; id-definizzjoni mogħtija mil-liġi ma kinitx tapplika. Il-Qorti tal-Appell kompliet billi ċċitat ġurisprudenza li kienet tikkunsidra l-konverżjoni minn ħanut fis-sens ta' post minn fejn isir il-bejgħ ta' merċe għal maħżen bħala kambjament tad-destinazzjoni. Għalhekk permezz ta' sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2012, ħassret is-sentenza tal-Bord u laqgħet it-talba tar-rikorrenti.

**<u>Rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza wara s-sentenza tad-9 ta' Mejju 2012</u>**.

L-inkwilin John Cauchi qed jitlob lil din il-Qorti tħassar is-sentenza msemmija u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża abbażi tal-Artikoli 811(e) u (l) tal-Kap 12.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. L-Artiklu 811(e) jipprovdi li tista' ssir ritrattazzjoni:

   *"jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

   *għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni"*.

   L-artiklu 816 iżid li:

   *"fir-rikors ġuramentat jew le, l-attur meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi… għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata"*.

2. Fil-fehma tar-rikorrent, il-Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażina għaliex *"minflok applikat… il-Kap 69… għażlet li tapplika id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili"* u jkompi jfisser li *"l-kirja in kwistjoni hija waħda pre-1995 u kwindi hija waħda minn dawk l-hekk imsejjha 'kirjiet protetti' li huma appuntu regolati mill-imsemmi Kap 69"*. Zied li l-Qorti tal-Appell minflok applikat id-definizzjoni mogħtija bl-artiklu 2 tal-Kap 69: *"applikat il-Kodiċi Ċivili kif ukoll għal xi raġuni għażlet li tinterpreta l-ftehim ta' lokazzjoni li kien sar bejn il-partijiet"*. Minkejja li l-kirja tkun determinata permezz ta' skrittura ma jfissirx li ma tibqax regolata mill-Kap 69. Di piu` ma kellhiex tinterpreta kuntratt meta l-kliem tiegħu kien ċar. Fl-aħħarnett fuq dan il-punt, ir-rikorrent isostni li l-Qorti tal-Appell iċċitat kawża li ma kinitx applikabbli għax si trattava ta' ftehim li kien jispeċifika x'użu kellu jsir, u

mhux x'kien ipprojbit.

3. L-intimat wieġeb billi ċċita estensivament dottrina u ġurisprudenza li jiddistingwu bejn interpretazzjoni ħażina tal-liġi u applikazzjoni ħażina tal-liġi mingħajr ma mbagħad applika din id-distinzjoni għall-każ preżenti.

*4.* Kif kien dejjem paċifikament stabbilit kemm mid-dottrina legali kif ukoll mill-ġurisprudenża, l-applikazzjoni ħażina tal-liġi mhix l-istess ħaġa bħall-interpretazzjoni ħażina tagħha. Għal fini tal-Artikolu 811(e) m'huwiex biżżejjed li l-qorti tinterpreta l-liġi b'mod żbaljat. Fi kliem ieħor, jista' jkun hemm biss lok għar-ritrattazzjoni taħt para (e) jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, il-Qorti applikat provvediment tal-liġi flok ieħor li kellu jiġi applikat. Jista' jingħad li biex kawża ta' ritrattazzjoni fuq dan il-motiv tirnexxi, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi ħażina fis-sentenza tagħha u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod hażin[1].

Fis-sentenza **Negte. F.S. Decesare vs Neg. Antonio e Francesco Darmanin**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta' April 1872 (appellata)[2], intqal:

*"e' spediente osservare che per violazione di legge bisogna intendere manifesta violazione, senza confonderla con la interpretazione di legge,..................*

*Che quanto concerne l'interpretazione della legge e' quasi superfluo di rilevare, che l' interpretazione delle leggi e' non solo una facolta', ma pure un obbligo per i tribunali".*

Din il-Qorti ma jirriżultalhiex li fis-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, applikat il-liġi ħażin. Ibda biex, mhux minnu li l-qorti qieset il-kirja bħala waħda mhix protetta billi applikat għall-kirja l-liġi kif emendata fil-1995. Is-sentenza hi bbażata fuq kambjament tad-destinazzjoni li hu regolat proprju permezz tal-Kap 69. Il-fatt li l-qorti qieset li d-definizzjoni ta' "ħanut" fl-istess ligi ma kinitx l-istess bħal dik li fehemu l-partijiet fl-iskrittura tal-kirja, ma jfissirx b'daqshekk li l-Qorti applikat xi liġi oħra li ma kellhiex tiġi applikata. Dak li ghamlet il-qorti kien li kkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt ta' lokazzjoni. Tant hu hekk li l-qorti qalet:

*"Illi din il-Qorti eżaminat l-imsemmija skrittura iżda minn qari tal-istess tħoss li l-kliem fl-istess skrittura ma jgħidx dan iżda biss li l-istess fond seta' jintuża ghal kull tip u generu ta' negożju u dan għandu jittieħed fis-sens u fil-kuntest tal-kontenut tal-iskrittura kollu u ta' kif kien qed jintuża l-istess ħanut dak iż-żmien... u ċjoe' sabiex fih isir in-negożju, b'dan li l-istess ħanut ikollu l-klijentela tiegħu u l-eżempji fl-istess skrittura ta' dak li l-istess intimat kien ipprojbit li jagħmel fl-istess ħanut, konsistenti f'deskrizzjonijiet ta' tipi ta' negożju li minnu l-fond seta' jbiegħ jew inkella post fejn tiżi eżercitata xi forma ta'*

[1] LXXVI.ii.196.
[2] Imhallef Paolo Vella, Volum VI.189.

*sengha, bl-eba mod ma timplika jew jista' jingħad li tinkludi l-bdil ta' użu tal-istess fond bħala maħżen, ghaliex f'dan il-każ dan ikun jinvolvi li l-istess fond jinżamm, kif qed infatti jinżamm fil-maġġor parti taż-żmien magħluq, hlief ovvjament ghal ħin limitat meta jinħarġu u jitqiegħdu oġġetti fl-istess ħanut bhala maħżen jew store"*.

Il-qorti bilfors kellha taghmel dan l-eżerciżżju sabiex tiddeċiedi jekk kienx hemm bdil ta' destinazzjoni tal-kirja meta l-inkwilin beda juża l-fond bhala maħzen. Ghalkemm ope legis mahzen hu nkluż fid-definizzjoni li l-liġi tagħti lill-kelma *'ħanut'*, b'daqshekk ma jfissirx li l-partijiet li ffirmaw il-kuntratt tas-27 ta' Awissu 1991 kellhom l-intenzjoni li l-fond jista' jintuża wkoll bħala maħżen. Biex jiġi determinat jekk seħħx bdil ta' destinazzjoni, kien krucjali li jiġi determinat jekk skond l-iskrittura ta' lokazzjoni l-inkwilin setax juża l-fond bħala maħżen. Haġa li l-qorti għamlet u f'dan l-eżercizzju ma applikat l-ebda liġi hażina.

5. Skond l-Artikolu 811(l) tal-Kap 12, tista' ssir talba ghal ritrattazzjoni:-

*"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza"*.

Skond ir-rikorrent: *"Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li bħala stat ta' fatt il-ftehim ta' lokazzjoni kien jistipula li l-fond de quo ma jistax jintuża bħala maħżen. Bir-rispett kollu dan huwa assolutament mhux minnu għax il-ftehim speċifikament jispeċifika (sic) l-użu li ma jistax isir mill-fond imma assolutament bl-ebda mod ma jistipula li l-fond ma sergħax jintuża bħala store. Anzi semmai jistipula li mill-bqija jista' jsir kull tip ta' negozju"*.

L-intimat ukoll fir-rigward ta' din il-parti tal-aggravju wieġeb ġenerikament b'riferenza estensiva ta' dottrina u ġurisprudenza bla m'għamel applikazzjoni tagħhom għall-fatti tal-kaz li għandna quddiemna.

Din il-Qorti ma jirriżultaliex li s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012 tikser id-disposizzjoni tal-artiklu 811(l). Kien ikun hekk il-każ li kieku s-sentenza iddikjarat li kien hemm xi klawżola fil-kuntratt li fil-fatt ma kinitx tabilħaqq imniżżla, jew, għall-kuntrarju, li ma kienx hemm klawżola li fil-fatt kienet imniżżla. Li għamlet il-qorti kienet li mill-iskrittura ta' lokazzjoni, eżaminat x'kienet l-intenżjoni tal-partijiet u waslet ghal konklużjoni. F'dan l-eżercizzju ma wassalx ghal żball ta' fatt.

F'kull każ ġħal finijiet tal-Artikolu 811(l), 'il fatt ma jridx ikun kontestat li jkun gie deċiż bis-sentenza. Ir-rikorrent qiegħed jikkontesta l-konklużjoni

ta' din il-qorti li l-ftehim ma kienx jinkludi l-użu ta' fond bhala maħżen. Ġialadarba bejn il-partijiet kien kontestat 'il fatt li jirrelata ghall-użu li seta' jsir mill-fond[3] u dan 'il fatt gie deċiż, ma tistax issir ritrattazzjoni tal-kawza a bażi ta' żball ta' fatt.

**Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu**.

Anthony Ellul.

---

[3] Tant hu hekk li fir-rikors promotur tat-18 ta' Frar 2004, sidien il-kera ppremettew: *"Illi l-intimat mhux qed jagħmel użu mill-fond kif kontemplat fil-kuntratt de quo, u dan minħabba li ghal snin sħaħ, iżda żgur ghal dawn l-aħħar ħames snin, huwa żamm il-ħanut de quo bl-isem Top Child, magħuq. Illi milli jidher dan qed jintuża bhala store għall ħwejjeġ li l-intimat ibiegħ minn ħanut iehor jew ħwienet oħra".* Min-naha tiegħu l-intimat qal li l-fond kien beda jużah bhala store ta' ħwejjeġ (fol. 98).